# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

### Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**30.vi.2015**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Lewis Spiteri**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Lewis Spiteri, bin Carmel u Catherine nee Agius imwieled il-Gudja 22.10.1952 u joqgħod 83, Ruth, Triq Tempji Neolitici, Ħal-Tarxien ID 753952M u li ġie akkużat talli fit-02.02.2012, il-Gimgħa 03.02.2012, is-Sibt 04.02.2012, il-Ħadd 05.02.2012 kif ukoll it-Tnejn 06.02.2012 fil-ħin ta bejn 09:00hrs sa tard bil-lejl 23:00hrs permezz ta' telefonati fuq il-linja ċellulari kif ukoll fuq il-linja fissa tad-dar ġab ruħu b'mod li jagħti fastidju lil Dr. Michael Tanti Dougall u lil Dr Jacqueline Tanti Dougall u b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan ikun ta fastidju għal dawk il-persuni taħt il-Kap 9, Art 251A (1);

B) kif ukoll talli naqas milli jħares avviż mogħti lilu bil-fomm mill-pulizlja sabiex jirrikori l-għassa tal-Fgura fejn dan l-avviż ingħatalu għal aktar minn erba darbiet : Kap 9 fl-Artikolu 355 AD.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz li l-imputat jinsab ħati tapplika l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u dan għas-sigurta ta Dr. Michael Tanti Dougall u Dr. Jacqueline Tanti Dougall.

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Semgħet il-provi prodotti;

***<u>Ikkunsidrat :</u>***

Illi fil-qosor il-fatti ta' din il-kawża kienu jikkonsistu filli l-konjuġu Tanti Dougall ikkwerelaw lill-imputat wara li dan tal-aħħar kien allegatament fid-dati indikati għamel għadd kbir ta' telefonati kemm fuq linja ċellulari kif ukoll dik fissa b'mod li kien qiegħed idejjaqhom. Apparti minn hekk il-Pulizija tal-Għassa tal-Fgura kienet tat ordni lill-imputat sabiex jattendi l-istess Għassa iżda dan baqgħa ma marx.

Illi l-provi juru li fil-fatt huwa għamel dawn id-diversi telefonati lill-kwerelanti, anke f'ħinijiet inkonsweti u normalment marbuta mal-mistrieħ tan-nies, minħabba li skontu ried li jkellem lil Dr. Tanti Dougall

in konnessjoni ma' deċiżjoni li kien ħa in segwitu għal servizzi legali li kienu ġew prestati lilu. L-imputat baqa' jtenni li ried lill-kwerelanti biex isolvu l-problema li huwa kien qiegħed jattribwixxi lilhom. Biss il-mod ta' kif huwa kien qiegħed jaġixxi kien wieħed li jmur lil hinn mir-reazzjoni normali ta' persuna ordinarja. Kienet reazzjoni li turi ċerta ossessjoni u li tintegra r-reat ta' fastidju.

Apparti minn hekk jirriżulta li l-imputat verament naqas milli jattendi l-Għassa tal-Pulizija tal-Fgura meta kien meħtieġ li jagħmel dan. Iżda għalkemm fl-affidavit tiegħu PS1536 John Massa jgħid li huwa kien għamel kuntatt mal-imputat b'mod verbali fuq it-telefon ċellulari tal-imputat għal aktar minn erba' darbiet sabiex jirrikorri fl-Għassa tal-Fgura, l-istess Uffiċjal naqas milli jindika fl-affidavit tiegħu ir-raġuni għaliex riedu li jirrikorri l-Għassa fis-sens li naqas milli jipprova li huwa kien ħtieġ il-preżenza tal-imputat għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 355AD(3) tal-Kodiċi Kriminali. Stante li skont ir-reat kontravvenzjonali maħluq mis-subinċiż 5 tal-istess Artikolu il-piena applikabbli hija dik ta' detenzjoni, din il-Qorti riedet tkun moralment konvinta mir-raġuni preċiża mistqarra mill-PS1536 lill-imputat. Dan l-Uffiċjal ma jsemmix jekk sejjaħx lill-imputat sabiex dan - jagħti dak it-tagħrif u jġib miegħu dawk id-dokumenti li l-Pulizija jistgħu jeħtieġu – skont il-kliem użat mis-subinċiż 3 tal-artikolu 355AD. B'hekk din il-Qorti ma tistax serenament tassumi li l-Pulizija fil-fatt wettaq dak imsemmi minn dan is-subinċiż ġaladarba l-istess Uffiċjal baqa' sieket fuq

dan il-punt – probabbilment għax assuma x'kien l-iskop għas-sejħa tiegħu. Biss din il-Qorti ma tistax toqgħod fuq assunzjonijiet iżda trid tistrieħ biss fuq fatti oġġettivament provabbli u pruvati. Din il-prova hija nieqsa.

## *Decide*:

illi fid-dawl tal-premess din il-Qorti qegħda ssib lill-imputat mhux ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontrih u tilliberah minn kull ħtija u piena dwarha; iżda fil-kontemp, wara li rat l-Artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali qegħda ssib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah għall-perjodu ta' xahar priġunerija; iżda wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti tordna li din is-sentenza ma għandhiex tibda' sseħħ sakemm il-ħati ma jkunx ikkommetta reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fi żmien sena millum u wara li dik il-Qorti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li l-istess sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali tiddikjara li hija spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilta' tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Inoltre, wara li rat l-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Michael Tanti Dougall, Jacqueline Tanti Dougall u l-familjari kollha tagħhom qegħda toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-ħati skont id-digriet li qiegħed jiġi anness ma din is-sentenza u li tifforma parti integrali minnha.

***30 vi 2015***

***Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## ORDNI TA' PROTEZZJONI

*(SKONT L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**MAĠISTRAT** ***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**ILLUM** ***30.vi.2015***

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**vs**
**Lewis Spiteri**

Il-Qorti,

Wara li rat l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna l-ħrug t\`Ordni ta' Protezzjoni kontra l-ħati **Lewis Spiteri** li joqgħod 83, Ruth, Triq it-Tempji Neolitiċi, Ħal-Tarxien, detentur tal-karta tal-identita' numru 753952(M) taħt il-kundizzjonijiet segwenti u ċioe\` li ai termini tal-Artikolu 412Ċ(3) tal-Kodiċi Kriminali:

a) Tipprojbixxi l-ħati milli **b'kull mod** inkluż permezz tat-telefon jew b'xi mod ieħor jimmolesta jew jivvessa jew idejjaq jew jiffastidja lil Michael Tanti Dougall, Jacqueline Tanti Dougall u l-familjari kollha tagħhom;
b) Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ ghal perjodu ta' tliet snin millum;
c) Jekk mingħajr raġuni valida il-ħati jikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu jista' jekk jinstab ħati jeħel multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew it-tnejn flimkien.

***Il-Maġistrat*** ***Il-Ħati***

***Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***